

# Xogħlijiet ta' Francesco Xavier Sciortino (1875 – 1958)

**minn Michael Bonnici**





Jekk aħna l-Maltin kburin bil-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila, xejn mhuwa anqas il-prestiġju fuq l-istess livell tal-iskultur Antonio Sciortino li personalment inqisu bħala l-iskultur nazzjonali. Dwar dan il-ġenju kulħadd semgħa bih u ħafna japprezzaw ix-xogħolijiet tiegħu kemm dawk li għadna lokalment f'Ħaż-Żebbuġ fil-Knisja Arċipretali kif ukoll partikolarment fil-Belt Valletta u xejn anqas il-wirja permanenti fil-Mużew tal-Arti. Ftit iżda forsi huma konxji bl-isem ta' Francesco Xavier Sciortino li jiġi ħu Antonio. Francesco Xavier Sciortino għamel xi żmien fil-Kanada (fejn miet) iżda f'Malta għadna ħafna xogħlijiet sbieħ tiegħu u qiegħed hawn nipproduċi dawk l-opri li mhux kulħadd jaf li huma ta' ċelebri ieħor Żebbuġi.

Dawn id-dettalji flimkien ma madwar 160 xogħol ieħor imxerdin f'diversi pajjiżi madwar id-dinja tal-iskultur u disinjatur Francesco Xavier Sciortino huma miġbura mit-tifel ta' F.X. Sciortino bl-isem ta' Joe Sciortino li bil-permess tiegħu qegħdin jiġu ppublikati.

## F'Ħaż-Żebbuġ:

- L-erba' pannelli (basso riljiev) li hemm madwar il-bradella ta' San Filippu t'Agira li fihom hemm inerpretat:

  "it-tentazzjoni mix-xitan fil-vjaġġ ta' San Filippu t'Agira għal Ruma"; "Il-konsagrazzjoni ta' San Filippu t'Agira bħala qassis"; "il-missjoni ta' San Filippu f'Agira"; "il-mewt u l-glorifikazzjoni fis-sema milqugħ mit-Trinità Mqaddsa".
- Monument fuq il-qabar tal-familja Sciortino, fiċ-ċimiterju Qalb ta' Ġesù,
- Monument fuq il-qabar ta' Dun Filippo Scerri, fiċ-ċimiterju Qalb ta' Ġesù,
- Diversi disinji fil-forma ta' kartolini f'kollezzjonijiet privati u fil-kappella ta' Santu Rokku;
- Mudell tal-fidda għall-istatwa ta' San Pietru.
- L-abbozzi tal-ġibs tal-erba' appostli tal-fidda li jintramaw



fuq l-ewwel tarġa tal-artal maġġur saru mill-iskultur Francesco Xavier Sciortino, u nħadmu tal-fidda ġewwa l-Italja f'idejn l-iskultur u artist Professur Mistruzzi. Jingħad f'paġna 119 tal-ktieb "Storja ta' Ħaż-Żebbuġ' ta' Luret Vella addata b'żieda ta' Mons. Law. Cachia, li "Sciortino mexa kemm seta' fuq id-disinn tal-erba' Evanġelisti tal-istess artal maġġur fuq disinn ta' Overbeck. Sciortino għamel ukoll id-disinn u l-forma tal-ġibs ta' San Pietru u San Pawl li jintramaw fuq il-gradenzini tal-artal maġġur fil-festa."

- Il-ventartal tal-artal maġġur li jintrama fil-festa (ara paġni 98 u 99, Storja ta' Ħaż-Żebbuġ, Luret Vella) sar fuq disinn ta' Lazzru Pisani; iżda l-iskultura fl-abbozzi (tal-ġibs) saret minn Frangisku Xavier Sciortino li ħadem taħt id-direzzjoni ta' Lazzru Pisani li kienu jiġu minn xulxin.

## Madwar Malta:

- il-Belt Valletta Valletta, fil-Knisja tad-Dumnikani: "Iżaija u Mose", "San Luqa", "San Ġwann", "San Mattew", "San Mark", Sant'Anglu;
- il-Belt Valletta fil-Knisja ta' San Pawl Naufraġju: Bas-reliev fil-kappella ta' San Mikiel: "Ġesù fit-tempju", "Ġesù, Marija u Ġużeppi", "Puttini" fil-kappella ta' San Mikiel;
- il-Belt Valletta: il-Ġeneral Greenfell (Gvernatur ta' Malta);
- In- Naxxar: "Markis G. Scicluna" – Monument (jingħad li dan tkisser minn vandali);
- Malta (?): "Lanterni għall-purċissjoni", għall-konfraternità ta' San Pietru u San Pawl;
- Malta (?): "Maestro Buhagiar" Mużiċist;

T' Emelda
Butcher Shop


Isabelle Bezzina
Tel: +356 2746 6389
T'Emelda Butcher Shop
Triq Gianni Bonnici
Żebbuġ – ZBG 2490






- Malta (?):“Malta Memorial to King Edward” (proġett);
- Malta: “Que Soy Era”, il-Madonna bħala l-Immakulata Kunċizzjoni fil-ġnien ta’ dar privata. Oriġinarjament kien hemm miżjud magħħa figura ta’ tfajla f’riġlejn il-Madonna. Saret bħala memorja ta’tifla li mietet fil-tieni gwerra dinjija.
- Malta (?): “Priġunier Politiku mhux magħruf”;
- Tas-Sliema, fil-Juventus Domus: “Mr. Ashfar” u “Mr. Paul Galea”;
- Raħal Ġdid, fiċ-Ċimiterju Maria Addolorata: (1)“Ġustizzja” (fil-Kappella tal-Markiz Testaferrata), (2) “Scarfago, (Mounument fuq il-qabar għall-Professur Zammit; (3) Bas-Reliev għal fuq il-qabar tas-Saċerdot Grima, Arkeoloġista;
- fil-Knisja ta’ Ħal-Luqa: “Ingrandito in pietra”;
- fil-Knisja tal-Ħerba, Birkirkara: “Il Nome di Gesù”;
- In-Nadur, Għawdex, diversi disinni tal-Knisja oriġinali ta’ San Pietru u San Pawl: (1) id-disinn Arkitettoniku u l-proġett sħiħ ta’ rinovazzjoni tal-Bażilika, (2) parti mill-ġewwieni tal-Bażilika; (3) il-gallerija tal-Orgni; (4) Dettall fuq l-irħam, tifkira kommemorattiva għal Dun Martin Camilleri (il-promutur biex tiġi modifikata il-Bażilika ta’ San Pietru u San Pawl);
- fis-Siġġiewi, f’dar privata: “Qalb ta’ Ġesù”.